# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***Kump. 381/01***

***Pulizija***
***Spettur Alexandra Farrugia Mamo***
***vs***
***Angele Pace***

Illum 16 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputata hija bazati fuq ir-reat ta' **Appropriazzjoni Indebita** kontemplat fl-artikoli 293 u 294 tal-kapitolu 9.

Illi pendenti l-proceduri, il-parti civili ddikjarat bil-gurament li l-imputata irritornat lura is-somma kollha meritu tal-kawza odjerna, u m'ghandiex aktar interess f'dawn il-proceduri.

Illi l-imputata ammettiet l-akkuza fis-seduta tal-llum, u ghaldaqstant din tinstab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. Il-fedina penali netta ta' l-imputata u

2. Il-fatt illi s-somma kollha giet ritornata lill-parti civili u ghaldaqstant id-dannu materjali gie eliminat

In vista ta' dawn ic-cirkostanzi il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz ghandha takkorda lill-imputata l-beneficcju tal-liberta kondizzjonata.

Ghal dawn il-motivi issib lill-imputata hatja skond l-akkuza ai termini ta' l-artikoli 293 u 294 tal-kapitolu 9; izda tilliberaha bil-***kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn*** skond l-artikolu 9 kapitolu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputata is-sinifikat u l-import ta' l-imsemmi provvidiment

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***